KUNSILL LOKALI PAOLA

**Rapport Amministrattiv 2014-2015**
**Kunsill Lokali Paola**

Fil-bidu ta' din is-sena il-Kunsill Lokali Paola ħatar Segretarju Eżekuttiv Ġdid wara li għamel bosta xhur jaħdem b'Aġent Segretarju Eżekuttiv. Wara li sar il-proċess kollu min-naħa tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali u sar ukoll il-proċess sħiħ mill-Kunsill Lokali Paola fi Frar ġie maħtur is-Sur Kurt Scerri bħala Segretarju Eżekuttiv ġdid għall-Kunsill Lokali Paola.

Il-ħidma ta' kuljum fil-Kunsill Lokali Paola kompliet għaddejja ġmiela bit-tindif ġenerali, ġbir ta' skart domestiku u dak goff, tindif ta' ġonna u soft areas, sinjali tat-traffiku, operat ta' latrini pubbliċi u ħafna oħrajn. Fadal ħafna x'intejbu fis-servizz iżda bl-għajnuna ta' kullħadd naslu. Il-Kunsill Lokali Paola jonfoq ħafna flus biex inaddaf u joffri servizzi fil-lokal għal indafa, iżda ftit li xejn qed nsibu koperazzjoni mill-pubbliku nġerali. Ninsab sodisfatt li konna kuraġġużi li nieħdu żewġ deċiżjonijiet kontraversjali li llum qed nieħdu l-frott tagħhom. L-ewwel deċiżjoni kienet dik li ma tibqax tinġabar l-borża s-sewda kull nhar ta' Tlieta, li għalkemm fil-bidu ħolqot xi ftit ta' kontroversja, llum kburi ngħid li Raħal Ġdid huwa l-aktar lokalita li żied fi skart riċiklat f'dawn l-aħħar sena u nofs. Deċiżjoni oħra mportanti kienet dik ta' traffic management madwar il-lokalita kollha. Mhux kullħadd jieħu gost li jkun mdorri jgħaddi minn triq u wara ftit żmien ssir one-way, iżda b'din l-inizzjattiva żdiedet aktar is-sigurtà fit-toroq, naqqsu l-konġestjonijiet tat-traffiku, żdiedu xi spazji ta' parkeġġ u tjiebet il-kwalità ta' l-arja.

Matul is-sena saru diversi attivitajiet soċjali fosthom ħarġiet kulturali għal Għawdex. Ħdimna fil-qrib ma l-għaqdiet tal-lokal u sibnijhom ta' spalla f'kull attività li organizza l-Kunsill Lokali Paola; Milied f'Casal Paola, Notte a Casal Paola, il-Festa tal-Larinġ u attivitajiet oħra kollha saru bil-kollaborazzjoni ta' l-għaqdiet tal-lokal, biex ma nsemmix l-armar tal-Milied, li apparti l-pjazza prinċipali u l-pjazza ta' Lourdes l-Kunsill għal dawn l-ahhar sentejn ħa ħsieb li jarma wkoll Telgħet Raħal Ġdid. Minn qalbi nieħu din l-okkażjoni sabiex nirringrazzja lil għaqdiet li ta' kull sena jaħdmu mill-qalb għal lokal tagħna b'mod volontarju.

Ninsab kburi wkoll bl-investiment li dan il-Kunsill kompla jagħmel fil-qasam ta' l-edukazzjoni, fejn matul din is-sena intefqet is-somma ta' aktar minn €1,200 f'kotba ġodda għal librerija tal-lokal, sar uża tas-sala tal-kunsill lokali bħala ċentru ta' tagħlim għal malti, Ingliż u matematika, kif wkoll korsijiet tal-kompjuter kemm għat-tfal kif wkoll għal adulti. Dan l-ahhar ġew imnedija wkoll żewġ inizzjattivi ġodda fejn qed isiru wkoll aerobics classes u żfin għal ġenerazzjonijiet differenti.

L-attività` annwali ta' Jum Paola saret f'Lulju li għadda fejn għal din l-okkażjoni sargħet attivita sabiha ferm fil-Gnien Sir Paul Boffa fejn gie mfakkar ukoll l-20 sena anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsill Lokali Paola.

KUNSILL LOKALI PAOLA

Fir-rigward ta' proġetti infrastrutturali, sar il-bini mill-ġdid ta' ħames toroq residenzjali li huma Nazzarenu, St. Ubaldeska, Tifkira, Cimiterju u Inverness. Hija x-xewqa ta' kull Kunsill li jara li l-infrastruttura tat-toroq tal-lokal tkun adegwata u ta' livell, iżda l-limitazzjonijiet finanzjarji ma jippermettux. Grazzi għal għaqal li bih ħadem dan il-Kunsill u kif jixhed ir-rapport finanzjarju il-qagħda finanzjarju tal-kunsill hija waħda stabbli ħafna u dan jgħin sabiex fis-snin li ġejjien jkunu jistgħu jsiru aktar toroq u bankini madwar il-lokalita.

Il-fondi Ewropej kienu parti mill-ħidma ewlenija fi ħdan il-kunsill lokali Paola. Proġetti ta' taħriġ u riċerka li bihom saru l-preparazzjonijiet meħtieġa sabiex fiż-żmien li ġej jibda x-xogħol fuq il-proġett ta' Ġnien Wied blandun, il-Proġett tal-bandli ta' ħdejn il-Paola Wolves u r-restawr tal-fortifikazzjonijiet ta' Kordin. Sar wkoll proġett ta' taħriġ mar-residenti tal-faċilita korrettiva ta' Kordin, fejn ta' kuljum numru żgħir ta' residenti mill-faċilita' jgħinu fix-xogħol ta' manutenzjoni fil-lokalita tagħna. Matul dawn l-ahhar tliet xhur il-Kunsill ibbenefika minn 3 proġetti oħra fil-qasam ta' riċerka għat-tliet snin li ġejjin.

Fi Frar li għadda il-lokalita ta' Paola intgħażlet mill-Ministeru tal-Ambjent Tibdil fil-klima u Żvilupp Sostenibbli, sabiex tibbenefika minn investiment ta' €30,000 f'siġar u pjanti ġodda. Għaldaqstant il-Kunsill Lokali Paola identika numru ta' zoni differenti fil-lokalita sabiex fihom jitħawlu u jitpoġġew numru sabiħ ta' pjanti illi filwaqt li isebbħu iz-zoni magħżula ikunu ta' benefiċċju għas-saħħa tar-residenti. Fi Frar ukoll l-awtorità tad-djar talbet lil Kunsill Lokali sabiex jidentifika għaxar blokok ta' appartamenti sabiex isir tisbieħ fil-komun kif kien diġà sar fil-bidu tal-leġislatura fl-appartamenti kollha tal-Gvern li hemm fl-akwata ta' Lourdes b'investiment ta' €50,000.

Hija l-ambizzjoni tal-Kunsill u tal-Gvern ċentrali li kif semmejt fil-bidu Raħal Ġdid igawdi minn tliet proġetti kbar li jagħtu nifs ġdid lis-south ta' Malta. Grazzi għal ħidma kontinwa mal-Ministeru għall-Enerġija u Saħħa u mal-Kunsill konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta qed isir xogħol sabiex fiż-żmien li ġej jibda x-xogħol fuq ir-riġenerazzjoni tal-pjazza ta' Paola, il-Proġett ta' Pace Grasso li ser jkun qed jilqa' fih klinika reġjonali, parkeġġ taħt l-art, kumpless kummerċjali , residenzi u spazji miftuħa sabiex jitgawdew minn dawk li jżuru Paola ta' kuljum u r-residenti, kif wkoll proġett għal Wied Blandun li ser jkun qiegħed jinħadem flimkien mal-Kunsill Lokali tal-Fgura.

Nagħlaq dan ir-rapport billi nirringrazzja minn qalbi li kull min kien ta' għajnuna għal kunsill tagħna f'dawn l-ahhar tliet snin, lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill u l-ħaddiema kemm klerikali u dawk manwali, lil sħabi l-kunsilliera u lilkom ir-residenti ta' Paola. Nemmen li minkejja d-diffikultajiet, konna ta' servizz lejn iċ-ċittadini Pawlisti u pruvajna nkunu dejjem pożittivi f'dak li nagħmlu!

Perit Roderick Spiteri
Sindku Paola